



Brussell, 25 ta' Jannar 2017
(OR. en)

5623/17

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0400 (COD)**

CODEC 104	CHIMIE 10
INST 32	AGRILEG 21
JUR 40	IND 15
CLIMA 7	COMPET 43
TELECOM 16	MAP 2
DEVGEN 8	POLARM 1
EMPL 30	COARM 14
SOC 41	CSDP/PSDC 35
ENER 12	CFSP/PESC 56
ENV 63	CONSOM 24
STATIS 2	SAN 39
ECOFIN 37	JUSTCIV 13
DRS 3	AVIATION 14
EF 10	TRANS 21
MI 69	MAR 24
ENT 24	UD 9

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Diċembru 2016
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2016) 799 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jadatta għadd ta' atti ġuridiċi li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 799 final.

Mehmuż: COM(2016) 799 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.12.2016
COM(2016) 799 final

2016/0400 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jadatta għadd ta' atti ġuridiċi li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi
skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

It-Trattat ta' Lisbona mmodifika b'mod sostanzjali l-istruttura fir-rigward tas-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni mil-leġislatur. It-Trattat jagħmel distinzjoni ċara bejn atti ta' natura kważi leġislattiva minn naħa u atti li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' att bażiku min-naħa l-oħra. Huwa jipprovdi wkoll qafas legali totalment differenti għal kull tip ta' att.

Iż-żewġ dispożizzjonijiet inkwistjoni huma l-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem it-“TFUE”), kif introdotti mit-Trattat ta' Lisbona li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009¹. Dawn jinvolvu modifiki sostanzjali fil-proċeduri magħruf sa issa bħala l-“proċeduri ta' kumitat”.

F'termini ta' kif inhi miktuba, id-definizzjoni tal-atti delegati fl-Artikolu 290(1) hija simili ħafna għal dik tal-atti li, skont id-Deċiżjoni 1999/468/KE² kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE (“id-Deċiżjoni dwar il-Proċedura ta' Kumitat”), huma suġġetti għall-proċedura regolatorja bi skrutinju (PRS) stabbilita fl-Artikolu 5a ta' dik id-Deċiżjoni. Fiż-żewġ każijiet l-atti kkonċernati huma ta' applikazzjoni ġenerali u huma mmirati biex jemendaw jew biex jissupplimentaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-istrument leġislattiv.

Għal din ir-raġuni, ir-reviżjoni tad-Deċiżjoni dwar il-Proċedura ta' Kumitat mir-Regolament 182/2011³ (“ir-Regolament dwar il-Proċedura ta' Kumitat”), li kien adottat abbażi tal-Artikolu 291(3) tat-TFUE dwar is-setgħat ta' implimentazzjoni, ħalliet barra mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni dwar il-Proċedura ta' Kumitat. L-Artikolu 5a li jstabbilixxi l-PRS għalhekk kellu jinżamm b'mod proviżorju għall-finijiet tal-atti bażiċi eżistenti li jirreferu għal dan l-Artikolu.

Konsegwentement, il-PRS għadha tidher fil-168 att bażiku eżistenti koperti minn din il-proposta u għadha tapplika (f'konformità mal-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni dwar il-Proċedura ta' Kumitat) f'dawk l-atti sakemm l-atti jiġu formalment emendati u adattati għat-Trattat ta' Lisbona.

Fiż-żmien meta ġie adottat ir-Regolament 182/2011, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tirrieżamina d-dispożizzjonijiet marbutin ma' din il-proċedura, biex meta jasal iż-żmien tadattahom skont il-kriterji stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea⁴. F'konformità ma' dan l-impenn, il-Kummissjoni għamlet tliet proposti leġislattivi ta' allinjament orizzontali fl-2013 (Omnibus I, II u III)⁵.

Il-Parlament Ewropew adotta r-riżoluzzjonijiet leġislattivi tiegħu dwar dawn il-proposti fil-25 ta' Frar 2014⁶, fejn ippropona għadd ta' emendi għal Omnibus I u III, iżda b'mod ġenerali qabel mal-proposti tal-Kummissjoni. Il-Kunsill b'kuntrast ma appoġġja l-proposti tal-Kummissjoni, b'mod partikolari minħabba li l-approċċ li jiġi previst allinjament awtomatiku tal-PRS ma' atti delegati ma ġiex aċċettat fin-nuqqas ta' garanziji aktar b'saħħithom li l-esperti tal-Istati Membri jiġu kkonsultati b'mod sistematiku fil-preparazzjoni tal-atti delegati.

¹ ĠU C 306, 17.12.2007

² ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

³ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

⁴ ĠU L 55 of 28.2.2011, p. 19.

⁵ COM(2013) 451 finali, COM(2013) 452 finali u COM(2013) 751 finali

⁶ A7-0010/2014, P7_TA-PROV(2014)0114, A7-0011/2014, P7_TA-PROV(2014)0112

Minħabba l-istagħnar fin-negozjati interistituzzjonali fuq dawn il-fajls, il-Kummissjoni irtirathom⁷, kif kienet ħabbret fil-Programm ta' Ħidma tagħha tal-2015⁸.

Il-kwistjoni tal-allinjament reġgħet tqajmet fid-diskussjonijiet dwar ir-reviżjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Ligijiet⁹. L-Istituzzjonijiet kollha għarfu l-ħtieġa li jsir alinjament u l-Kummissjoni impenjat ruħha li sal-aħħar tal-2016 tippreżenta proposta ġdida biex tallinja l-atti leġiżlattivi li għad fihom referenzi għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Din il-proposta tirriżulta minn dan l-impenn.

Fl-istess ħin, il-Ftehim Interistituzzjonali u l-Ftehim Komuni dwar l-atti ddelegati anness miegħu jtejbju wkoll il-qafas għall-atti delegati u b'hekk jirrispondu għat-tħassib ewlieni li ta' spiss wassal biex il-Kunsill ma jaċċettax atti delegati, jiġifieri l-konsultazzjoni mal-esperti tal-Istati Membri. Il-Ftehim issa jipprevedi impenn ċar għal konsultazzjoni sistematika mal-esperti tal-Istati Membri fit-tħejjija tal-atti delegati, inkluż dwar l-abbozzar tat-testi, u b'hekk jissodisfa kundizzjoni importanti biex it-tieni tentattiv biex jiġu allinjati d-dispożizzjonijiet preċedenti tal-PRS mat-Trattat ta' Lisbona ikunu ta' suċċess. Dan l-impenn issa huwa inkluż b'mod espliċitu fil-klawżoli standard il-ġodda li jridu jintużaw fit-tfassil ta' setgħat għall-Kummissjoni. Il-Ftehim jirrikonoxxi wkoll b'mod ċar kemm hu importanti li jkun hemm kooperazzjoni u skambju ta' opinjonijiet bikrija mal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-atti delegati. Dan jikkonferma li l-Parlament Ewropew irid jirċievi d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, inklużi l-abbozzi tal-atti delegati u jipprevedi aċċess sistematiku u ffaċilitat għall-esperti tal-Parlament Ewropew għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jħejju l-atti delegati. Fl-aħħar, il-Ftehim jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tiġi mistiedna għal-laqgħat tal-Parlament Ewropew (jew tal-Kunsill) biex ikun hemm aktar skambju ta' fehmiet fit-tħejjija tal-atti delegati.

2. IL-METODU TAL-ALLINJAMENT U L-ELEMENTI PRINĊIPALI TAL-PROPOSTA

Il-punt tat-tluq għad-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proposta huwa l-atti legali msemija fit-tliet proposti ta' allinjament leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni fl-2013. Atti li fuqhom laħqu saru proposti leġiżlattivi individwali mhumieħ inklużi f'din il-proposta¹⁰. F'każ wieħed, att li ma kienx kopert mill-proposta tal-2013, iżda li jeħtieġ allinjament, ġie miżjud ma' din il-proposta.

Din il-proposta ma tikkonċernax tmien atti leġiżlattivi fil-qasam tal-pestiċidi u l-ikel¹¹. Kif inhum attwalment strutturati dawn l-atti bażiċi, l-approċċ korrett ikun allinjament mal-atti

⁷ COM(2014) 910 finali

⁸ (2015/C 80/08), ĠU C 80 tas-7.02.2015, p. 17.

⁹ ĠU L 123, 12.05.2016, p.1.

¹⁰ Dawn l-atti huma elenkati fil-punt 3 għal raġunijiet ta' informazzjoni.

¹¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, l-enzimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1). Ir-Regolament (KE) Nru 1332/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-enzimi tal-ikel u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999, id-Direttiva 2000/13/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE u r-Regolament (KE) Nru 258/97 (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 7); Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16); Ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolamenti (KE) Nru 2232/96 u (KE) 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34); Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004

delegati kif kienet ipproponiet il-Kummissjoni fl-2013. Il-Kummissjoni madankollu f'dan l-istadju ma inkludietx dawn l-atti f'din il-proposta peress li qed tirrifletti dwar jekk hemmx mod aktar xieraq biex tistruttura dawn l-atti fir-rigward ta' awtorizzazzjonijiet individwali / stipular ta' valuri / elenkar ta' sustanzi speċifiċi abbażi ta' kriterji speċifiċi stabbiliti fl-att, filwaqt li żżomm f'moħħha l-approċċ imtejjeb adottat dan l-aħħar mill-koleġislaturi fil-leġislazzjoni dwar l-ikel ġdid¹² u rieżami REFIT li għaddej bħalissa tal-atti bażiċi dwar il-pestiċidi, kif ukoll il-ħidma pendent biex tiġi evalwata l-leġittimità demokratika tal-proċeduri eżistenti għall-adozzjoni ta' ċerti atti sekondarji (kif imħabbar fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2017).

Fil-proposti tal-allinjament tal-2013, l-**approċċ leġislattiv** magħżul ma kienx li jiġu emendati l-atti bażiċi kkonċernati individwalment, iżda li jiġi previst b'mod ġenerali li r-referenzi għall-PRS li jinsabu fl-atti bażiċi jinqraw bħala referenzi għall-Artikolu 290, rispettivament l-Artikoli 290 jew 291. Skont dan l-approċċ, u li kieku ġie adottat, kull att bażiku kien ikollu jinqara dejjem flimkien mar-regolament Omnibus rilevanti.

Minħabba d-diffikultajiet li l-Kunsill kellu notevolment b'din it-teknika, l-approċċ magħżul f'din il-proposta huwa differenti. Issa qiegħed jiġi propost li jiġi emendat kull att bażiku kkonċernat. Dan huwa simili għall-approċċ magħżul meta ġew introdotti d-dispożizzjonijiet tal-PRS f'eżerċizzju simili fl-2007¹³. Skont dan l-approċċ, saru għadd ta' emendi għal kull att bażiku. Id-dispożizzjoni li tagħti s-setgħa, jiġifieri t-test li fih l-għoti tas-setgħa sostantiva għall-PRS, ġiet riformulata u ssegwi l-kliem miftiehem fil-klawżoli standard għall-artikoli li jiddelegaw is-setgħat. L-artikolu standard dwar l-eżerċizzju tad-delega, jiġifieri l-artikolu proċedurali, iddaħħal f'kull att bażiku u tħassru r-referenzi għall-PRS. Huwa skont kull att imsemmi espliċitament jekk l-għoti tas-setgħa jippermettix li l-att bażiku jiġi emendat. Il-klawżoli standard il-ġodda li jipprevedu konsultazzjoni mal-esperti tal-Istati Membri fit-tnejn tal-atti delegati issa huma inklużi f'kull att bażiku. L-ebda għoti ta' setgħa ma jipprevedi li jiġu emendati atti oħrajn.

Fir-rigward **tal-għażla ta' għoti ta' setgħa għal atti delegati u għal atti ta' implimentazzjoni**, il-proposta tal-2013 għal allinjament telqet mis-suppożizzjoni li l-miżuri koperti mill-proċedura regolatorja bi skrutinju fil-prinċipju jikkorrispondu ma' daww li jistgħu jkunu koperti minn delegi ta' setgħa kif imsemmi fl-Artikolu 290 TFUE. Fi ftit każijiet biss f'Omnibus III, abbażi ta' valutazzjoni każ b'każ mwettqa dak iż-żmien, ġie propost allinjament mal-Artikolu 291 minflok mal-Artikolu 290.

Is-suppożizzjoni ġenerali li hija fil-bażi tal-proposta l-ġdida hija li l-valutazzjoni li saret fil-proposti Omnibus tal-2013 għadha valida. La n-negozjati dwar l-Omnibus tal-2013, u la l-

dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4); Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel (ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1); Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1) u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

¹² Ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 (ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1).

¹³ Ir-Regolament (KE) Nru 1137/2008, ĠU L 311, 21.11.2008, p. 1.

ġurisprudenza dwar is-sugġett¹⁴, u lanqas l-eżitu tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Regolamentazzjoni Aħjar ma wasslu għal kriterji ġodda li jeħtieġu rivalutazzjoni globali.

Fil-każ ta' allinjament ma' atti ta' implimentazzjoni huwa miżjud kumment ta' introduzzjoni. Minbarra l-każijiet li fl-2013 għalihom kien diġà ġie propost allinjament mal-atti ta' implimentazzjoni, ftit każijiet oħra biss ġew miżjuda f'din il-proposta. Dan jikkonċerna setgħat biex jiġu ddeterminati l-formati fil-qasam tal-istatistika.

Tabella 1: Ħarsa ġenerali tal-atti li għalihom huwa propost allinjament ma' atti ta' implimentazzjoni għal ċertu setgħat

Numru tal-Anness	Titolu tal-Att
2.	Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020*
6.	Id-Deċiżjoni Nru 626/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2008 dwar l-għażla u l-awtorizzazzjoni ta' sistemi li jipprovdu servizzi mobbli permezz tas-satellita (id-Deċiżjoni MSS)*
53	Ir-Regolament (KE) 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE*
58	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 tad-9 ta' Marzu 1999 li jikkonċerna l-istatistiċi strutturali dwar il-qliġ u dwar l-ispejjeż tax-xogħol
59	Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 2150/2002 tal-25 ta' Novembru 2002 dwar l-istatistika tal-iskart*
60	Ir-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar il-prospetti tal-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, il-merkanzija u l-posta bl-ajru
61	Ir-Regolament (KE) Nru 450/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar l-indiċi tal-ispiża tax-xogħol*
64	Ir-Regolament (KE) Nru 1552/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar statistika li tirrigwarda t-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi*
67	Ir-Regolament (KE) Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 20 ta' Ġunju 2007 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq l-istruttura u l-attività tal-affiljati barranin*
69	Ir-Regolament (KE) Nru 1445/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi regoli komuni għall-provvista ta' informazzjoni bażika dwar il-Paritajiet tas-Setgħa tal-Infq u għall-kalkolu u d-disseminazzjoni tagħhom*
70	Ir-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 20 ta' Frar 2008 li jstabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet tal-istatistika u li jħassar ir-

¹⁴ Il-Kawża C-88/14 il-Kummissjoni vs. il-Parlament u l-Kunsill, il-Kawża C-286/14 Il-Parlament Ewropew vs. Il-Kummissjoni u l-Kawża C-472/12 il-Kummissjoni vs. il-Parlament Ewropew u l-Kunsill

	Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93*
73	Ir-Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja
74	Ir-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istatistika ta' kull tlett xhur dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti fil-Komunità*
89	Id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE*
99	Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi*
104	Id-Direttiva tal-Kunsill 97/70/KE tal-11 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi reġim armonizzat ta' sigurtà għall-bastimenti tas-sajd ta' tul ta' 24 metru jew aktar*
114	Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-tiġib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-faċilitajiet tal-portijiet*
143	Id-Direttiva 2002/46/KE tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel*
144	Id-Direttiva 2002/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi livelli stabbiliti ta' kwalità u sigurtà għall-ġbir, l-ittestjar, l-iproċessar, il-ħażna u t-tqassim ta' demm tal-bniedem u komponenti tad-demm u li temenda d-Direttiva 2001/83/KEE*
147	Ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament*
151	Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti Zoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel
154	Id-Direttiva 2004/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-iffissar ta' standards ta' kwalità u sigurezza għad-donazzjoni, ksib, ittestjar, proċessar, prservazzjoni, ħażna u tqassim ta' tessuti u ċelloli tal-bniedem*
158	Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel*
159	Ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra mal-ikel*
165	Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*
166	Ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE, id-Direttivi tal-Kunsill 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KE u 96/25/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE*
167	Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002

	(Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali)*
--	---

* għal dawn l-atti allinjament mal-atti ta' implimentazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet kien diġà ġie propost fl-2013.

Qiegħed jiġi propost li l-għoti ta' setgħa jitħassar f'każijiet fejn ikun sar obsolet, kemm f'termini ta' żmien (pereż. meta kien jippermetti miżura tranżizzjonali, iżda l-att bażiku issa ilu applikabbli bis-sħiħ għal diversi snin) jew fejn l-esperjenza wriet li ma kienx hemm bżonn.

Tabella 2: Ħarsa ġenerali lejn l-atti li għalihom hija prevista t-tneħħija ta' ċerti setgħat

Numru Anness	Titolu tal-Att
2	Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020
7	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-ġhajjnuna umanitarja*
36	Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.
54	Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE*
57	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 tad-19 ta' Mejju 1998 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir
66	Ir-Regolament (KE) Nru 458/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' April 2007 dwar is-sistema Ewropea tal-istatistika integrata tal-ħarsien soċjali (ESSPROS)
92	Id-Direttiva 2009/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar dispożizzjonijiet komuni kemm għall-istrumenti tal-kejl kif ukoll għall-metodi ta' kontroll metroloġiku
133	Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE.
168	Id-Deċiżjoni Nru 70/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar ambjent mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ

* għal dawn l-atti t-tneħħija ta' xi dispożizzjonijiet kienet diġà ġiet proposta fl-2013.

Rigward **it-tul ta' żmien tal-għoti tas-setgħa** lill-Kummissjoni tippromponi setgħat b'tul ta' żmien indeterminat. Fin-negożjati tal-proposti tal-2013 kemm il-Kunsill kif ukoll il-Parlament Ewropew kienu favur perjodu fiss ta' ħames snin b'tiġdid awtomatiku wara rapport mill-Kummissjoni li għandu jiġi ppreżentat qabel l-iskadenza tad-delega. Fil-proposta l-ġdida, il-Kummissjoni żżomm il-pożizzjoni tagħha li żmien indefinit ta' setgħa huwa ġustifikat minħabba li l-leġislatur għandu l-possibbiltà li jirrevoka setgħa fil-każijiet kollha u f'kull ħin. Barra minn hekk, l-impożizzjoni ta' rekwiżit ta' rappurtar qabel it-tiġdid awtomatiku jirrikjedi li l-Kummissjoni toħroġ rapporti ħames snin wara l-adozzjoni ta' din il-proposta dwar 174 att differenti u dan joħloq piż amministrattiv sinifikanti. Fl-aħħar nett, il-Ftehim Interistituzzjonali jgħib ukoll aktar trasparenza fir-rigward tal-atti delegati, notevolment permezz ta' Reġistru konġunt għall-Atti Delegati li l-istituzzjonijiet qablu li joħolqu sa tmien

l-2017. Dan ir-Reġistru se jippermetti ħarsa ġenerali faċli lejn l-atti delegati adottati taħt l-istrumenti kollha.

Il-proposta tipprovdi, f'ċerti każijiet, l-introduzzjoni ta' **proċedura ta' urġenza**. Dan isir fejn attwalment hija prevista l-proċedura ta' urġenza eżistenti skont l-Artikolu 5a(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE u li din il-possibbiltà tqieset li kienet neċessarja. F'dan il-każ il-klawżola standard rispettiva li tippermetti l-użu tal-proċedura ta' urġenza ddaħħlet f'kull att li jipprovdi għal ġustifikazzjoni espliċita għall-użu ta' din il-proċedura f'kull każ.

3. LISTA TAL-ATTI BAŻIĊI LI JIRREFERU GĦALL-PRS LI ATTWALMENT HUMA SOĠĠETTI GĦAL REVIŻJONI JEW LI HIJA PREVISTA REVIŻJONI GĦALIHOM

Tabella 3: Proposti adottati mill-Kummissjoni

Kaxxa	Strument	Referenza tal-Proposta
CLIMA	Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE	COM(2015) 337
CNECT	Id-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-aċċess għal, u l-interkonnnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (id-Direttiva tal-Aċċess).	COM(2016) 0590
CNECT	Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (id-Direttiva Kwadru).	COM(2016) 0590
CNECT	Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (id-Direttiva Servizz Universali)	COM(2016) 0590
ENER	Id-Direttiva 2008/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 li tikkonċerna l-proċedura Komunitarja sabiex tittejjeb it-trasparenza ta' prezzijiet tal-gass u tal-elettriku imposti fuq konsumaturi industrijali (tfassil mill-ġdid)	COM (2015) 496
GROW	Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE	COM (2014) 28 finali
GROW	Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi qafas għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (id-Direttiva Qafas).	COM (2016) 31 finali

GROW	Id-Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrelataw għal miżuri kontra l-emissjoni ta' pollutanti gassużi u ta' partikolati minn inġenji ta' kombustjoni interna li għandhom jiġu installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq	COM (2014) 581 finali
GROW	Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi	COM (2014) 28 finali
ENV	Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart)	COM(2015) 595
ENV	Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma	COM(2015)594
ENV	Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ	COM(2015)593
ENV	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom	COM(2012)0403
ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 li jikkonċerna l-istatistiċi tal-Komunità dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet tal-għixien (UE-SILC)	Tħassir propost minn COM(2016)551
MOVE	Id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni	COM (2013) 0622
MOVE	Id-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Marzu 2002 dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet tal-ħoss fl-ajruporti tal-Komunità	COM (2011) 0828
MOVE	Id-Direttiva tal-Kunsill 96/50/KE tat-23 Lulju 1996 dwar l-armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-akkwist ta' ċertifikati nazzjonali tas-sidien tad-dgħajjes għat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri permezz ta' passaġġi tal-ilma interni fil-Komunità	COM (2016) 82 finali
MOVE	Id-Direttiva tal-Kunsill 91/672/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ċertifikati tal-boatmasters nazzjonali għat-trasportazzjoni ta' merkanzija u ta' passiġġieri permezz ta' passaġġi interni fuq l-ilma	COM (2016) 82 finali
MOVE	Id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (tfassil mill-ġdid)	COM (2016) 0369
MOVE	Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE tad-29 ta' April 1999 dwar sistema ta' sħarriġ obbligatorju għall-operazzjoni bla perikolu ta' laneċ ro-ro regolari u servizzi tal-inġenji tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri	COM(2016)371
MOVE	Id-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE tat-18 ta' Ġunju 1998 dwar ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri li joperaw lejn jew minn portijiet tal-Istati Membri tal-Komunità	COM(2016)370

SANTE	Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini	COM(2014)0557
-------	--	---------------

L-istrumenti elenkati hawn taħt jirreferu għall-PRS li għalihom hija prevista revizzjoni sostanzjali separata, iżda li għadha ma ġietx adottata. L-allinjament tagħhom se jkun parti minn daww ir-reviżjonijiet previsti.

Tabella 4: Atti li għalihom hemm ippjanati proposti

Kaxxa	Strument
AGRI	Ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituw u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89
CLIMA	Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006
ENER	Ir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija
ENER	Ir-Regolament (KE) 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar kundizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1228/2003
ENER	Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE
ENV	Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE
ENV	Id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-protezzjoni tal-ambjent, u b'mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ jintuża fl-agrikoltura
ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar sħarriġ ta' strutturi tal-impriżi agrikoli u sħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88
ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar it-twaqqif ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS)

4. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETA

Din il-proposta hija bbażata fuq il-bażijiet ġuridiċi tal-atti bażiċi kollha emendati.

Din l-inizjattiva hija marbuta esklussivament mal-proċeduri li għandhom jiġu applikati fil-livell tal-Unjoni fl-adozzjoni ta' atti bbażati fuq setgħat li ġew mogħtija.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jadatta għadd ta' atti ġuridiċi li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi
skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33, l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 53(1), l-Artikolu 62, l-Artikolu 64(2), l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2), l-Artikolu 114, l-Artikolu 153(2)(b), l-Artikolu 168(4)(a), l-Artikolu 168(4)(b), l-Artikolu 172, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 207, l-Artikolu 214(3), u l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv ġie trażmess lill-Parlamenti Nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹⁵,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni¹⁶,

Waqt li aġixxew skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) It-Trattat ta' Lisbona introduċa distinzjoni bejn is-setgħat iddelegati lill-Kummissjoni biex tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv (atti delegati), u s-setgħat li ġew mogħtija lill-Kummissjoni biex tadotta atti biex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti (atti implimentattivi).
- (2) Il-miżuri li jistgħu jkunu koperti minn delegi ta' setgħat, kif imsemmi fl-Artikolu 290(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jikkorrispondu fil-prinċipju ma' daww koperti mill-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita mill-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/EC¹⁷.

¹⁵ ĠU C , , p. .

¹⁶ ĠU C , , p. .

¹⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23).

- (3) Proposti li saru qabel b'rabta mal-allinjament tal-leġislazzjoni li jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju bil-qafas legali introdott mit-Trattat ta' Lisbona¹⁸ ġew irtirati¹⁹ minħabba l-istagħnar fin-negozjati interistituzzjonali.
- (4) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni sussegwentement qablu dwar qafas ġdid għall-atti delegati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016²⁰ u rrikonoxxew il-ħtieġa għall-allinjament tal-leġislazzjoni kollha eżistenti mal-qafas legali introdott mit-Trattat ta' Lisbona. B'mod partikolari, huma qablu dwar il-ħtieġa li tingħata prijorità għolja lill-allinjament fil-pront tal-atti bażiċi kollha li għadhom jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Il-Kummissjoni impenjat ruħha biex tipprepara proposta għal dan l-allinjament sa tmiem l-2016.
- (5) Il-biċċa l-kbira tas-setgħat fl-atti bażiċi li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 290(1) TFUE u għandhom jiġu adattati għal dik id-dispożizzjoni.
- (6) Setgħat oħrajn fl-atti bażiċi li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 291(2) TFUE u għandhom jiġu adattati għal dik id-dispożizzjoni.
- (7) Meta jiġu mogħtija setgħat implimentattivi lill-Kummissjoni, dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹.
- (8) F'xi ftit atti bażiċi li attwalment jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju ċerti setgħat skadew u għalhekk għandhom jiġihassru.
- (9) Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-proċeduri pendenti li fuqhom il-kumitat diġà ta l-opinjoni tiegħu skont l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (10) Ladarba l-adattamenti u l-emendi li għandhom isiru jikkonċernaw biss proċeduri fil-livell tal-Unjoni, dawn ma jkollhomx għalfejn, fil-każ tad-direttivi, jiġu trasposti mill-Istati Membri.
- (11) L-atti kkonċernati għandhom għalhekk jiġu emendati skond il-każ.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-atti elenkati fl-Anness huma emendati kif stabbilit fihom.

¹⁸ COM(2013) 451 finali, COM(2013) 452 finali u COM(2013) 751 finali

¹⁹ (2015/C 80/08), ĠU C 80 tas-7.02.2015, p. 17.

²⁰ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

²¹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament ma jaffettwax il-proċeduri pendenti li fuqhom kumitat ikun diġà ta l-opinjoni tiegħu skont l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fi il-jum mill-pubblikazzjoni tiegħu f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President